## P7_TA(2009)0046

## L-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir *

### Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Antigwa u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir (COM(2009)0049 – C7-0016/2009 – 2009/0013(CNS))

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2009)0049),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0016/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0015/2009),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u ta' Antigwa u Barbuda.